MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 374/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited bhala agent f`Malta tas-socjeta' estera AXA Insurance plc u kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Limited abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Sea Malta Company Limted bhala armaturi tal-vapur MV Nicholas A u The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta` Michael Attard Limited, li hi assigurata mal-atturi nomine, importat merkanzija lejn Malta minn

Marseille fi Franza, liema merkanzija kienet tikkonsisti fi tmienja u hamsin (58) karozza tal-marka Peugeot;

Illi l-imsemmija merkanizja giet trasportata lejn Malta fuq il-vapur MV Nicholas A, liema vapur hu rappresentat hawn Malta mis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited;

Illi l-imsemmija merkanzija kienet waslet Malta fl-1 ta' Marzu 1999 u ittiehdet f`idejn is-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited;

Illi sussegwentement meta l-assigurati tal-atturi nomine hadu pussess tal-merkanzija huma indunaw illi numru sostanzjali tal-imsemmija vetturi kienu danneggati kif ukoll kellhom xi spare parts neqsin;

Illi ghalhekk a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni l-atturi nomine kellhom jirrimborzaw lill-assigurati taghhom ghat-telf illi huma sofrew;

Illi b`kollox l-atturi nomine hallsu s-somma ta' elf mija u disa' liri maltin u tletin centezm (Lm1109.30), li minnhom tmienja u sittin lira maltin (Lm68) huma l-ispejjez tas-survey report li kien sar u li ghalhekk issurrogat lis-socjeta` attrici fid-drittijiet taghha kontra l-konvenuti;

Illi t-telf u hsara fil-merkanzija sehh bhala rizultat tan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni tal-konvenuti jew min minnhom;

Ghalhekk is-socjeta attrici nomine talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex dina l-Qorti m`ghandhiex:

(1) tididkjarahom, jew min minnhom, responsabbli ghat-telf u hsarat fil-merkanzija tal-assigurat tal-atturi nomine;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghaliha ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1.041.30 jew somma verjuri kif ukoll is-somma ta' Lm68 mhallas mis-socjeta` attrici bhala survey fees b`kollox ghalhekk is-somma ta' Lm1,109.30; u

(3) tikkundannahom, jew min minnhom, sabiex jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta’ elf mija u disa’ liri Maltin u tletin centezmu (Lm1109.30) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-imghax mid-data tal-pagament u bl-ispejjes, inkluzi Lm20 tal-konsult, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited fejn gie eccepit :-

Fl-ewwel lok li t-talbiet tal-atturi la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu a tenur ta’ liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

Fit-tielet lok li s-socjeta` konvenuta kkonsenjata l-merkanzija fl-istess stat li giet lilha konsenjata u fl-istat li rceviethom hlief ghad-danni mnizzla fit-tally sheet;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2003;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta` Michael Attard Limited, fl-1 ta' Marzu 1999, importat gewwa Malta minn Franza tmienja u

hamsin (58) karozza tal-marka Peugeot, fuq il-vapur MV Nicholas A, li hu rappresentat lokalment mis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited. Malli l-karozzi tnizzlu minn abbord ittiehdu fil-pussess u kontroll tas-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling. Meta dawn il-karozzi gew fil-pussess tas-socjeta importatrici gie konstatat li uhud minnhom kellhom hsarat u kellhom xi parts neqsin. Is-socjeta attrici kienet is-socjeta assikuratrici tas-socjeta importatrici ghar-rigward tal-karozzi importati u, a bazi tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva, l-istess socjeta attrici rrimborzat lis-socjeta importatrici ghall-imsemmija hsarat u nuqqasijiet;

Is-socjeta attrici tippretendi li b`kollox hallset lis-socjeta importatrici s-somma ta' elf mija u disa’ liri maltin u tletin centezmi (Lm1109.30) inkluzi tmienja u sittin lira maltin (Lm68) ghas-survey report. B'hekk is-socjeta attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta importatrici. Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-imsemmija hsarat u nuqqassijiet. Ghalhekk qed issir din il-kawza;

Is-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited qed teccepixxi li, skond il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu, ma tistax titqies responsabbli ghad-danni reklamati. L-istess socjeta konvenuta teccepixxi ukoll li kkonsenjat l-merkanzija in kwestjoni fl-istess stat li rcevietha bl-eccezzjoni tad-danni mnizzla fit-tally sheet;

Fl-atti m'hemmx in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling. Ma jistax jigi eskluz, pero', li in effett giet presentata tali nota u dana in vista tad-dokument a fol.8;

Jirrizulta li saret "joint tally" meta l-karozzi tnizzlu minn abbord. Dan it-"tally" sar bejn is-socjetajiet konvenuti Sea Malta Company Limited u The Cargo Handling Company Limited u hu ffirmat mir-rappresentanti tal-istess socjetajiet. F'dan it-"tally" gie konstatat li kien hemm xi hsarat fi tlett karozzi u cioe  "left door dented; scratched left rear panel; one left side scratched & dented." (Dokument a fol.15). Mid-dokument a fol.38 et sequitur

jirrizulta li komplessivament dawn il-hsarat jiswew biex jigu rrangati s-somma ta' mitejn seba u disghin liri maltin u sitta u disghin centezmi (Lm297.96) (Lm142.96 + Lm80 + Lm75);

In vista ta' dan kollu s-socjeta konvenuta Sea Malta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dawn id-danni u ghalhekk ghandha tigi kundannata thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' Lm297.96 in linea ta' danni;

Meta l-karozzi tnizzlu minn abbord dawn ittiehdu fil-pussess tas-socjeta konvenuta Cargo Handling sakhemm dawn l-istess karozzi gew rilaxxjati lis-socjeta importatrici. Is-surveyor tal-istess socjeta importatrici kkonferma li spezzjona l-karozzi in kwestjoni, l-ghada li wasslu Malta, f`Laboratory Wharf, qabel ma dawn gew effettivament rilaxxati. Instabu li kien hemm diversi hsarat u nuqqasijiet, li huma elenkati fid-dokument “JF1” a fol. 24 u 25. Gie presentat ukoll il-"gate pass out" (Dokument “JF2” - Fol.26) fejn hemm innotati l-istess hsarat u nuqqassijiet li hemm li mnizzlin fl-imsemmi dokument "JF1". Il-"gate pass out" huwa ffirmat minn rappresentant tas-socjeta importatrici u tas-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta Cargo Handling ghandha tinzamm responsabbli ghar-rimanenti hsarat u nuqqassijiet u ghall-hlas tas-survey report. A bazi tal-imsemmi dokument a fol.38 dawn il-hsarat u nuqqassijiet sabiex jigu riparati u rimpjazzati jammontaw ghas-somma ta' tmien mija u hdax il-liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm811.39) (Lm1109.30 - Lm297.96);

In vista ta' dan kollu t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront taz-zewg konvenuti rispettivament ghall-ammonti fuq indikati. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ukoll trid tigi rigettata peress li l-klawsola tal-esoneru in kwestjoni mhux applikabbli ghal dan il-kaz;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited u billi

fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara z-zewg socjetajiet konvenuti responsabbli ghat-telf u hsarat fil-merkanzija in kwestjoni tal-assigurati tal-atturi nomine; tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-atturi nomine, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici, fis-somma komplessiva ta’ elf mija u disa liri maltin u tletin centezmu (Lm1,109.30) u dana kwantu ghas-somma ta' mitejn u seba u disghin liri maltin u sitta u disghin centezmu (Lm297.96) li trid tithallas mis-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited u kwantu ghas-somma ta' tmien mija u hdax il-liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm811.39) li trid tithallas mis-socjeta konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited u b'hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' Lm297.96 in linea ta' danni u lis-socjeta konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm811.39 ukoll in linea ta' danni u dana kollu bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez jithallsu kwantu ghal-parti wahda minn hamsa (1/5) mis-socjeta konvenuta Sea Malta u kwantu ghar-rimanenti erba partijiet min hamsa (4/5) mis-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------